**Kapitlu 3 :** **Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

**Lezzjoni 3.9:** **Ġużeppi jgħallimna naħfru**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jirrevedu l-istorja ta' Ġużeppi.
2. Jiskopru modi differenti ta' kif jistgħu jgħixu sew.
3. Japprezzaw il-qawwa tal-maħfra.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Video clip qasir li juri l-ġrajja ta' Ġużeppi mibjugħ minn ħutu
  http://www.youtube.com/watch?v=j8K5-8HIinM
- PPT Presentation li turi l-istorja ta' Ġużeppi mibjugħ minn ħutu f'aktar dettal minn ta' qabel.
- Props li mistennija jintużaw waqt ir-reċta.
- Karta ta' taħriġ addizzjonali b.



**Naqsmu flimkien:**

- Introduċi l-lezzjoni billi titlob lit-tfal ifakkruk kif ġrat l-istorja ta' Ġużeppi li kien mibjugħ minn ħutu.
- Staqsi mistoqsijiet gwida sabiex tgħin lit-tfal jiftakru l-ġrajja ta' Ġużeppi.



**Nisimgħu flimkien:**

- Sabiex tkun ċert/a li kulħadd ftakar l-istorja u għalhekk jaf dwar xiex qed nitkellmu, uri l-video clip li juri l-ġrajja ta' Ġuzeppi.
- Dan għandu jservi ta' reviżjoni viżiva għal kulħadd u ta' għajnuna għal min forsi kien assenti matul il-lezzjoni ta' qabel.
- Uża l-karta addizzjonali b, jekk tixtieq, biex it-tfal ikomplu jikkonsolidaw dak li jkunu tgħallmu.



**Nikbru flimkien:**

- Flimkien mat-tfal iddeċiedi min se jirreċta din il-ġrajja fil-klassi u agħti karattru lit-tfal magħżula.
- Qassam il-'props' u spjega kif se nqassmu l-ambjent tal-klassi biex nirreċtaw il-ġrajja. (F'liema kantuniera se jkun hemm il-bir, fejn se jkun hemm il-palazz eċċ)




- Spiċċa billi taħdem mal-klassi l-Karta addizzjonali b.
- Fakkar li:

1. Jaħfru lil kulħadd bħalma ħafer Ġużeppi li kien iħobb lil Alla.
2. Jaħfru lil xulxin għax kulħadd xi darba naqas lil xi ħadd.
3. Meta jagħmlu xi ħaġa ħażina għandhom ikunu kapaċi jitolbu skuża minn qalbhom u juru li tassew jiddispjaċihom.



**Niċċelebraw flimkien:**

- Ladarba tkun ċert/a li kulħadd fehem x'se jkun qed jiġri, ixgħel il-PPT Presentation.
- Spjega kif waqt li int se tkun qed taqra r-rakkont, it-tfal se jużaw l-istampi bħala gwida u jirreċċtaw il-ġrajja.
- Fl-aħħar tal-PPT it-tfal għandhom mistoqsija li mistennija tgħin lit-tfal jifhmu u jikkonkludu kemm hi qawwija l-maħfra.
- ***Naħdmu biex nuru mħabba sinċiera lejn xulxin u ġid lil xulxin. (l-attitudni).***